IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.4.2021
COM(2021) 180 final

2021/0096 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji amministrattivi u tal-persunal tal-Komunità tat-Trasport

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali stabbilit skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ("it-TCT") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjonijiet dwar għadd ta' materji amministrattivi mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali: 1) ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni minn barra s-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li jkunu mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport, 2) ir-rimborż tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni meta jibdew dmirijiethom u meta jintemm is-servizz tagħhom, u 3) il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport

L-Unjoni Ewropea hija parti għat-TCT, li ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-2017, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019[1].

2.2. Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali huwa stabbilit permezz tal-Artikolu 24 tat-TCT. Huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tat-TCT u għall-iżgurar tal-implimentazzjoni kif suppost tiegħu. Għal dan l-iskop, jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fit-TCT. B'mod partikolari, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali:

(a) iħejji l-ħidma tal-Kunsill Ministerjali,

(b) jiddeċiedi dwar l-istabbiliment tal-kumitati tekniċi,

(c) jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet f'konformità mat-TCT,

(d) fir-rigward tal-atti tal-UE adottati dan l-aħħar, jieħu azzjoni xierqa, b'mod partikolari permezz ta' reviżjoni tal-Anness I tat-TCT,

(e) jaħtar id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti wara konsultazzjoni mal-Kunsill Ministerjali,

(f) jista' jaħtar wieħed jew iktar mid-Deputati Diretturi tas-Segretarjat Permanenti,

(g) jistabbilixxi r-regoli tas-Segretarjat Permanenti,

(h) jista' jirrieżamina, permezz ta' deċiżjoni, il-livell ta' kontribuzzjonijiet baġitarji,

(i) jadotta l-baġit annwali tal-Komunità tat-Trasport,

(j) jadotta deċiżjoni li tispeċifika l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit, għall-preżentazzjoni u għall-awditjar tal-kontijiet kif ukoll għall-ispezzjoni,

(k) jieħu deċiżjonijiet dwar it-tilwimiet imressqa mill-Partijiet Kontraenti,

(l) jadotta prinċipji ġenerali fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti, fir-rigward ta' dokumenti miżmuma mill-korpi stabbiliti mit-TCT jew skontu,

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1.

(m) jadotta r-rapporti annwali għall-attenzjoni tal-Kunsill Ministerjali dwar l-implimentazzjoni tan-Network Komprensiv,

(n) fir-rigward ta' ċerti atti tal-Unjoni, jistabbilixxi limiti ta' żmien u mezzi għat-traspożizzjoni mill-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa.

2.3. L-atti previsti tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu jadotta deċiżjonijiet dwar 1) ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni minn barra s-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li jkunu mistiedna jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport, 2) ir-rimborż tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni meta jibdew dmirijiethom u meta jintemm is-servizz tagħhom, u 3) il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

Id-deċiżjonijiet previsti jsiru legalment vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-Artikolu 25(1) tat-TCT.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-adozzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-TCT u għall-ġestjoni kif suppost tas-Segretarjat Permanenti. Peress li l-Unjoni hija parti għat-TCT, jeħtieġ li tiġi stabbilita pożizzjoni tal-Unjoni.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[2].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri t-TCT.

L-atti li l-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali huwa mitlub jadotta jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. F'konformità mal-Artikolu 30 tat-TCT, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu s-setgħa li jistabbilixxi regoli tas-Segretarjat Permanenti, speċifikament għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tas-Segretarjat. Skont l-Artikolu 35 tat-TCT, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet li jispeċifikaw il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit. Min-natura tagħhom, u bħala materja ta' dritt internazzjonali li jirregola l-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, dawk ir-regoli fihom elementi li

[2] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258, il-punti 61 sa 64.

jaffettwaw il-pożizzjoni legali tal-partijiet għat-TCT u, għaldaqstant, anki tal-Unjoni. Għaldaqstant, tali regoli jridu jitqiesu li jkollhom effetti legali.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tat-TCT.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tiġi adottata pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun biss wieħed inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jkollu għadd ta' objettivi f'daqqa, jew li jkollu diversi komponenti, li jkunu marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, b'mod eċċezzjonali, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-atti previsti huma meħtieġa għall-funzjonament xieraq tat-TCT. Min-naħa tiegħu, it-TCT isegwi l-objettivi u għandu komponenti fl-oqsma tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bl-ilmijiet navigabbli interni, li huma modalitajiet koperti mill-Artikolu 91 tat-TFUE kif ukoll fil-qasam tat-trasport marittimu, modalità koperta mill-Artikolu 100(2) tat-TFUE. Minħabba n-natura orizzontali tiegħu, l-att previst jirreferi għal dawn l-elementi kollha.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hi magħmula mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikoli 91 u 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikoli 91 u 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

F'konformità mal-Artikolu 25(2) tat-TCT, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2021/0096 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji amministrattivi u tal-persunal tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91 u 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Trattat li jistabbilixxi t-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport ("TCT") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392[3] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.

(2) F'konformità mal-Artikolu 24 tat-TCT, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali ġie stabbilit għall-amministrazzjoni u għall-implimentazzjoni kif suppost tat-TCT. Skont l-Artikoli 30 u 35 tat-TCT, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu jadotta regoli dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, kif ukoll dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

(3) Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, matul il-laqgħa tiegħu f'Mejju 2021, għandu jadotta deċiżjonijiet dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport; ir-rimborż tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni meta jibdew dmirijiethom u meta jintemm is-servizz tagħhom; u l-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport. Jekk dawn il-kwistjonijiet ma jiġux ittrattati matul dik il-laqgħa, l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet tiġi skedata għal-laqgħa sussegwenti.

(4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, peress li tali deċiżjonijiet huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport u se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali stabbilit bit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport fir-rigward tar-regoli dwar ir-rimborż tal-

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1.

ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li jkunu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport; ir-rimborż tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni meta jibdew dmirijiethom u meta jintemm is-servizz tagħhom; u l-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet korrispondenti tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Jista' jintlaħaq qbil mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali dwar bidliet minuri fir-rigward ta' dawk l-abbozzi ta' deċiżjonijiet mingħajr ma tittieħed deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President